MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 455/2012

**Appell Numru: 455/2012**

**Il-Pulizija
[Spettur Yvonne Farrugia]**

**Vs**

**Giuseppe Maria Cini**

Illum, 23 ta’ Jannar, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat Giuseppe Mario Cini, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 759154M,talli:

F’Lulju 2008 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor; liema hlas, wegheda jew offerta, kien sabiex bhala ufficjal jew impjegat jaghmel dak li kien fi dmir tieghu li jaghmel;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bhala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Ottubru, 2012, fejn il-Qorti iddikjarat l-imputat mhux hati u tilliberatu minn kull htija u piena.

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fis-16 ta' Ottubru, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenża appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz issib lill-appellat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontrih iżda mingħajr l-applikazzjoni tal-artikolu 18 u tipprosegwi biex tinfliġġi l-piena adegwata skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali u cioe':-
Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza liberatorja taghha hawn fuq riferita, inter alia għamlet eneuċazzjoni żbaljata tal-liġi u tal-provi miġjuba, li filfatt wasslet għall-ħelsien tal-

imputat mill-proċeduri odjerni, u dan għar-raġunijiet segwenti :

Illi preliminarjament u għal kull buon fini jiġi ddikjarat li mill-provi miġjuba, ma jirriżultax li l-appellat ikkometta diversi reati anki jekk fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda. Il-kontestazzjoni tirrigwarda inċident wieħed u f'ebda mod ma ġie ppruvat li kien hemm inċidenti preċedenti għal dan il-każ fejn l-akkużat qua l-appellat ikkometta dan ir-reat fil-konfront ta' persuni oħra. Lanqas ma ġie ppruvat li wara dan l-inċident kien hemm inċidenti oħrajn u dan peress li rriżulta li wara dan l-inċident, hu filfatt tkeċċa mir-Reġistru Pubbliku u ma kienx laħaq iċċelebra xi żwiġijiet oħra versu l-pagament addizzjonali ta' din il-miżata jew kif isejħilha hu, 'token'. Għalhekk l-appellant jiddikjara li permezz ta' dan l-appell hu mhux qed jinsisti fuq l-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li ma jidhirx li din filfatt tapplika għal dan il-każ.

Illi mis-sentenża, partikolarment mill-kunsiderazzjonijiet magħmula, l-ewwel Qorti indikat li meta l-appellat esiġa flus mingħand il-kwerelanta Camilleri sabiex il-ħin tat-tieġ jiġi estiz din ma saritx b'kundizzjoni għal dan il-fini u li hi allura setgħet taċċetta li ma tħallasx l-għoxrin Euro li l-appellant talabha bħala apprezzament għalih għal dan il-fini. Di piu l-ewwel Qorti tgħid illi meta l-appellat ġie kkonfrontat dwar il-ħlas addizzjonali apparti dak li kien diġa mħallas mill-koppja in kwistjoni lir-Reġistru Pubbliku l-appellat ma nsistiex fuq il-pagament iżda qalilhom li ma kellhomx l-obbligu li jħallsu dik il-miżata addizzjonali jekk ma riedux. Din semmai kellha titħallas lilu bil-buona volonta tagħhom. Skond l-ewwel Qorti sabiex l-artikolu 112 japplika l-pretiza trid tkun waħda li mijiex legalment dovuta. Skond l-ewwel Qorti, dan l-element ġie miċħud mill-appellat kif debitament ikkonfermat mill-kwerelanta f'dan il-każ. Fir-rigward l-artikolu 115, ma jirriżultax dak li l-Qorti ndikat bħala '*il concorso delle due volonta*' liema kriterju huwa rikjest skond sentenża fl-ismijiet Pulizija vs David Gatt li ġiet ippreżentata waqt is-sottomissjonijiet tal-partijiet qabel ma ġiet deċiża din il-kawża.

Illi qabel ma jsiru sottomissjonijiet dwar il-validita' o meno tal-argumenti tal-ewwel Qorti, tajjeb li ssir referenża għad-diċitura legali ta' dawn id-disposizzjonijiet sabiex l-elementi ta' kull reat jiġu analiżżati mill-appellant fid-dawl ta' dak li l-ewwel Qorti stqarret u li finalment iffurmat il-bażi ai fini tas-sentenża liberatorja tagħha favur l-appellat.

L-artikolu 112 tal-Kapitolu 9 jinqara kif ġej :

**112.** *Kull uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ikollu kemm jekk ma jkollux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, jesiġi dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa sena.*

Illi allura jekk kelna nippuntwaliżżaw l-elementi ewlenin ta' dan ir-reat naraw li (1) minn qed jikkometti r-reat irid ikun uffiċjal pubbliku jew impjegat mal-Gvern, (2) ikun esiġa xi jedd inkluż rigal li strettament seta' anki kien dovut lilu (3) din it-talba jew pretiża ssir taħt il-libsa tal-kariga tiegħu u (4) il-pretiża trid tkun **jew** illegali **jew** iktar milli l-liġi tippretendi għaliha fost xenajri oħra kif indikat fid-disposizzjoni hawn fuq ikkwotata.

Illi jekk induru għall-provi ta' dan il-każ, m'hemm l-ebda dubbju li l-appellat kien uffiċjal pubbliku jew kien qed jaħdem mal-Gvern. Dan ġie ppuntwaliżżat kemm minnu stess fl-istqarrija li hu kkonferma fuq il-pedana tax-xhieda quddiem l-ewwel Qorti[1] kif ukoll minn Anthony Geraldi[2] kif ukoll mill-Avukat Stephanie Pappalardo għan-nom tad-Diviżjoni tar-Reġistru Pubbliku u ta' l-Artijiet[3]. Għal kull buon fini pero' jiġi ppuntwaliżżat li l-kariga li l-appellat kellu dak iż-żmien qatt ma kien in kontestazzjoni kemm minnu kif ukoll mill-Qorti fl-għoti tas-sentenża tagħha.

---

[1] Folio 36 et seq.
[2] Folio 26 et seq.
[3] Folio 16 u folio 20 tal-proċess

Illi rigward it-tieni element ippuntwalizzat nafu li l-appellat effettivament talab €20 bħala 'token' għall-ħin żejjed li hu kien qed jintalab li jtawwal fiċ-ċerimonja in kwistjoni skond kif allega hu. Skond Maryanne Camilleri hi tindika li din il-proposta saret fuq inizzjattiva tal-appellat mhux tagħha u in oltre jirriżulta li l-kontestazzjoni ewlenija li wasslet għal dan il-każ kienet tiċċirkonda dan il-fatt u ċioe li hi u l-għarus tagħha dak iż-żmien kienu diġa ħallsu l-miżata rikjesta mir-Reġistru Pubbliku għar-reġistrazzjoni taż-żwieġ tagħhom u dawn il-pagamenti addizzjonali u li kien qed jippretendi l-appellat fil-forma ta' rigal, mhux talli ma kienux permissibbli mir-Reġistru in kwistjoni iżda kienu llegali. L-appellat stqarr illi hu qatt ma ġiegħel dan il-pagament da parti tas-Sinjura Camilleri iżda dawn setgħu tawħ dan il-pagament di *buona volonta* tagħhom. Ironikament pero', hu ppropona dan il-ħlas u strettament rabat l-istess mal-fatt li kien lest li jtawwal iċ-ċerimonja tagħhom kif setgħu xtaqu. Rigal fit-termini legali rrid ikun volontarju minn min qed jagħtiħ u mhux fuq instigazzjoni jew proposta tar-reċipjent tagħha, u dan indipendement tal-fatt li ma kienitx kundizzjonali. Lanqas m'hemm dubbju allura li t-talba li hu għamel kienet pretiża fil-vesti tiegħu bħala reġistratur taż-żwiġijiet u kienet marbuta direttament ma din il-funzjoni.

Illi finalment u rigward l-akkuża ai termini tal-artikolu 112 tal-Kapitolu 9, jidher ċar li din il-pretenzjoni tal-appellat hija kontra d-disposizzjoni kkwotata jekk tkun illegali jew kun iktar minn dak mistenni legalment. Effettivament u skond il-provi, fil-kariga tiegħu, l-appellat ma kellu l-ebda jedd għal dak il-ħlas addizzjonali u dan indipendement minn jekk talabiex kundizzjonalment jew le. Effettivament dan ġie wkoll kkonfermat minn Dr. Stephanie Papaladardo li fix-xhieda tagħha tiċċara li l-mizata għar-reġistrazzjoni taż-żwieġ hija marbuta mal-ġranet u mhux ma kemm idum iċ-ċerimonja. Kwindi l-fatt li l-appellat ipprentenda pagament fil-forma ta' rigal biex hu ittawwal iċ-ċerimonja (li skond hu ddum biss bejn ħames u sitt minuti a differenza ta' dak iddikjarat mir-Reġistru Pubbliku) indubjament ma kinitx pretiża legali speċjalment konsiderando li l-miżata f'ebda mod ma hija marbuta ma kemm iddum iċ-ċerimonja iżda

mal-ġurnata meta din issir, u dan peress illi fil-*weekend* il-miżata tkun iktar għolja minn matul il-ġimgħa. Di piu l-fatt li Maryanne Camilleri tikkonferma li l-appellat qatt ma ġiegħla tħallas dan il-pagament ma jbiddel xejn mir-responsabbilta' kriminali tiegħu u dan peress li hu qatt ma seta' jagħmel dik l-offerta, u dan irrispettivament ta' jekk ġiegħlhomx jagħtuħ din id-donazzjoni jew ikkundizzjonax il-ħlas f'dak is-sens. Kwindi l-argument tal-Qorti fejn skartat ir-responsabilita' tal-akkużat taħt l-ewwel akkuża a bażi tal-fatt li t-talba magħmula minnu kienet inkondizzjonata u finalment fid-diskrezzjoni ta' min irid jaċċetta jew jagħti dak il-pagament jew 'rigal', ma jreġġix. L-esiġenza tal-flus jew tar-rigal fid-dawl ta' dan ir-reat m'għandux japplika biss jekk isir bil-forza jew b'kundizzjoni tal-att mitlub jew magħmul.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suċċipit u fir-rigward tat-tieni akkuża miġjuba kontra l-appellat l-artikolu 115(a) tal-Kapitolu 9 jinqara kif ġej :

**115.** *Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f 'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati –*

*(a) jekk l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew tal-offerta, ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin*[4]*;*

Illi għal darb'oħra hawnhekk insibu l-element tal-uffiċjal pubbliku jew impjegat fil-pubbliku kif effettivament kien l-appellat u kif iddikjarat preċedentement f'dan l-appell. Naraw ukoll li hu irid ikun jew **talab**, irċieva jew aċċetta għaliħ jew għal ħaddieħor **rigal**, wegħda **jew offerta ta' xi rigal** fost oħrajn u dan in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu. Fil-każ in kwistjoni ġie kkonfermat anki minnu stess li kien l-appellat li talab għal din il-miżata żejda u dan bħala **rigal** tal-fatt li kien lest li jtawlilhom iċ-

[4] Kull fejn ġie sottolinejat, dak huwa emfażi tal-appellant.

ċerimonja. Evidentement ukoll il-provi juru li t-talba saret '*in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu*' bħala reġistratur taż-żwiġijiet ċivili. Dawn l-elementi huma marbuta mal-kontenut tal-paragrafu (a) ta' din id-disposizzjoni li jindikaw l-iskop ta' dan ir-rigal anki jekk sempliċiment mitlub u ċioe, li hu jagħmel xi ħaġa li huwa fid-dmir tiegħu li jagħmel, f'dan il-każ, li jkun iċ-ċelebrant fir-reġistrazzjoni taż-żwieġ tas-sinjuri Camilleri. Dan iwassal għall-darb'oħra għall-elementi kollha ta' dan ir-reat li jikombaċjaw perfettament u li indubjament jirriżultaw ampjament ippruvati lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni mill-prosekuzzjoni.

Illi fis-sentenża tagħha l-ewwel Qorti ddikjarat illi fir-rigward ta' dan l-artikolu ma rriżultatx il-'*concorso della due volonta*' u dan b'referenża għal sentenza li ġiet eżebita in atti wisq probabbli mid-difiża tal-appellat, fl-ismijiet il-Pulizija (Angelo Gafa) vs David Gatt[5]. Effettivament dan kien l-argument ai fini tal-liberatorja tal-appellat mit-tieni akkuża. L-ewwel nett, u differenti mill-fatti ta' dan il-każ, jinhad illi dak il-każ ikkwotat kien jittratta l-allegat kumpens għal-att ta' korruzzjoni **<u>wara</u>** li l-att ikun kompjut. Skond il-Qorti f'dawk il-proċeduri, sabiex din tissussisti irid ikun hemm ftehim bejn il-partijiet qabel ma jsir l-att u għalhekk tinħtieġ il-*concorso delle due volonta*. L-istess pero ma jistax jingħad għall-fatti ta' dan il-każ u dan peress illi t-talba għar-rigal ai fini tal-estenzjoni taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ saret mill-appellat **<u>qabel</u>** iċ-ċelebrazzjoni u da parti tal-appellat waħdu. B'hekk hawnhekk mhux qed nitrattaw każ dwar korruzzjoni *wara* l-fatt iżda *qabel* il-fatt. Fil-każ in kwistjoni u fiċ-ċirkostanzi tagħha, ma kienx hemm il-ħtieġa ta' ftehim u dan peress li biex dan ir-reat jirriżulta lanqas m'hemm il-ħtieġa li din l-offerta tintlaqa jew dan ir-rigal effettivament jingħata minn min ikun qed jirċievi dan il-benefiċċju jew favoritismu fid-dmir daparti ta' min qed jikkorrompi. Huwa għalhekk li d-disposizzjoni ikkwotata tapplika anki għal min sempliċiment jitlob kumpens jew 'rigal' għal dak li hu fi dmiru li jagħmel u dan mhux marbut mal-aċċettazzjoni ta' din l-għotja. Lanqas ma huwa relevanti l-fatt li ċ-

[5] Folio 50 tal-proċess.

ċelebrazzjoni tas-sinjuri Camilleri ġie ċelebrat skond il-liġi u dan peress li l-appellat kien ġie mkeċċi min dan ix-xogħol wara li r-Reġistru Pubbliku saru konxji b'din il-kwerela u effettivament kienet persuna oħra li ċċelebrat iż-żwieġ tagħhom u mingħajr ħlas addizzjonali mitlub jew mogħti. Kwindi l-korruzzjoni mertu ta' din il-kawża tirriżulta indipendentement minn jekk kienx hemm ftehim bejn il-partijiet (li f'dan il-każ ma kienx hemm) u minn jekk l-azzjoni konnessa ma din il-pretiża ġietx kompjuta bl-għoti o meno ta' dan ir-rigal. Kwindi anki f'dan il-każ, l-argumentazzjoni tal-ewwel Qorti li wasslet għall-liberatorja tal-appellat mit-tieni akkuża ma treġġix ukoll.

Illi kwindi jekk nikkonsidraw dawn l-elementi fid-dawl tal-fatti tal-każ in eżami diġa naraw li in vista tal-aġir tal-appellat u ċ-ċirkostanżi li kienu jiċċirkondaw dan l-aġir wieħed jista' faċilment jikkonkludi li l-elementi kemm tal-artikolu 112 kif ukoll tal-artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta' Malta, u differenti minn dak li stqarret l-ewwel Qorti fis-sentenża tagħha, effettivament japplikaw *in toto* fil-każ in eżami.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi f'Lulju ta' l-2008, l-appellat Giuseppe Cini kien registratur taz-zwigijiet u dak iz-zmien, certa Ms. Maryann Camilleri u l-gharus taghha applikaw sabiex jizzewgu bir-rit Civili. Saret l-applikazzjoni mar-Registru Pubbliku u l-koppja halsu l-mezata legali ghal din l-applikazzjoni. Fit-23 ta' Lulju ta' l-2008, saret kommunikazzjoni telefonika bejn Maryann Camilleri u l-appellat Giuseppe Cini, fejn tkellmu dwar il-modalita' tac-ceremonja u kemm kienet ser tiehu hin. Maryann Camilleri uriet ix-xewqa illi ttawwal ic-ceremonja u kien hawnhekk illi l-appellat talabha l-hlas ta' €20 bhala "token" ghas-servizz tieghu. Skond l-appellat, f'din it-telefonata, ghamilha cara illi dan il-hlas kellu jkun wiehed volontarju bhala apprezzament ghall-isforz tieghu biex itawwal ic-ceremonja u din kienet l-unika darba illi huwa talab ghal hlas addizzjonali ghal dak li kien jithallas mir-Registru Pubbliku. L-appellat tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi li esiga flus bhala Ufficcjal Pubbliku u b'korruzzjoni

i termini ta’ l-Artiklu 112 u 115 tal-Kodici Kriminali. B’sentenza tat-2 t’Ottubru ta’ l-2012, il-Qorti tal-Magistrati lliberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell, principalment peress li l-Qorti tal-Magistrati ghamlet enuncazzjoni zballjata tal-Ligi u tal-provi migjuba.

Ikkunsidrat.

L-appellat huwa addebitat b’zewg akkuzi, wahda taht l-Artiklu 112 tal-Kap 9 li titratta dwar il-konkussjoni, u cioe li Ufficcjal Pubbliku jesigi flus kontra l-Ligi u l-ohra taht il-115 ta’ l-istess Kap li jitratta l-korruzzjoni. Id-differenza principali bejn dawn iz-zewg akkuzi hija, illi dik ta’ l-ewwel hija unilaterali u tista’ tigi minn inizjattiva ta’ l-istess Ufficcjal Pubbliku u t-tieni hija bilaterali, fejn l-Ufficcjal Pubbliku jitlob, jircievi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor rigali u parti ohra taccetta tali inizjattivi u akkomoda dak li jkun talab l-Ufficcjal Pubbliku. F’dan il-kaz, ic-cirkustanzi ma jinkwadrawx taht l-Artiklu 115 peress illi ma kienx hemm l-accettazzjoni tal-parti l-ohra u lanqas ma kien hemm xi forma ta’ ftehim sabiex l-appellat jaghmel dak li ma messux jaghmel jew illi huwa fid-dover li jaghmel.

Ghal konsiderazzjonijiet legali f’dan il-kuncett, gie suggerit il-Qorti taghmel referenza ghal kawza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell, kif preseduta fl-ismijiet il-« Pulizija kontra David Gatt », deciza fil-11 ta’ Novembru 2011, fejn si tratta ta’ kaz ta’ allegat korruzzjoni <u>wara</u> l-fatt. Hawnhekk ic-cirkostanzi huma differenti. Ma hemm l-ebda ftehim bejn zewg persuni, izda talba unilaterali, da parti ta’ l-appellat, biex jigi kkompensat talli jmur oltre dak illi huwa fid-dover tieghu illi jaghmel. L-Avukat Generali argumenta li -fatt illi l-appellat ghamilha cara li dan il-hlas li kien qed jesigi kien wiehed volontarju minghajr ebda obbligi, ma jaghmel l-ebda differenza ghal fini ta’ dan ir-reat kif propost fl-Artiklu 112. L-appellat, bhala Ufficcjal Pubbliku, esiga kumpens fl-aktar sens wisa’ tal-kelma taht il-kappa tal-kariga tieghu sabiex jaqdi d-dmirijiet tieghu. Ghall-soluzzjoni ta’ din il-vertenza l-Qorti sejra tirrikorri ghat-taghlim tal-Professur

Mamo fejn f'pagna 80 tan-noti tieghu jilenka l-elementi ta' dan ir-reat u cioe` :

"(a) The public character of the offender;
(b) The unlawful exaction, and
(c) The colour of office."

Fuq l-ewwel element ma hemmx dubju. L-appellat huwa Ufficcjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubbliku. Rigward it-tieni element jghid "The second element of this crime is the unlawful exaction. What the public employee or servant exacts, must be something which the Law does not allow or exceeding that which the Law allows, or must be exacted before it is due according to Law." Rigward it-tielet element, il-Profs Mamo jghid (fol 82) "In the third place, it is necessary for the constitution of this crime, that the unlawful exaction be made by the public functionary, under the colour of his office." "What is exacted must be exacted under the pre text that it is legally due". "Juris colore qauesito". The exaction does creates in the private contributor a sense of grievance against the government by making him believe that by order or the authority of the government exorbitant fees or too heavy impositions are exacted." Minn hawn jidher car illi l-interpretazzjoni li qed jaghti l-Professur Mamo ghal dan l-element, huwa differenti minn dak li ta l-Avukat Generali fir-risposta tieghu. Meta jghid "Effettivament u skond il-provi, fil-kariga tieghu, l-appellat ma kellu l-ebda jhedd ghal dak il-hlas addizzjonali u dan indipendentement minn jekk talabiex kondizzjonalment jew le." (fol 65). Skond l-Avukat Generali, il-fatt illi l-appellat talab dak il-hlas, kien bizzejjed sabiex jikkostitwixxi dak l-element. Il-Professur Mamo imur oltre u cioe li t-talba trid issir taht il-pretest li kienet legalment dovuta, biex dak li jkun ikollu l-aljanza kontra l-istat talli imponiet mizati ezorbitanti li kien obbligat ihallas. F'dan il-kaz, l-appellat qatt ma ppretenda illi l-pagament li kien qieghed jitlob kien dovut legalment. Anzi ghamilha cara illi din kienet xi haga volontarja li tiddependi minn dak li jkun riedx ihallasha jew le. Dan l-agir kien jesponi lill-appellat ghal xi mizura dixxiplinarja departimentali izda mhux fi ksur tal-ligi. Biex jissussisti r-reat taht l-Artiklu 112 fuq imsemmi, l-Ufficcjal Pubbliku, taht il-pretisa li dak li qed jitlob huwa dovut lill-istat, jitlob

dak li mhuwiex dovut lill-istat jew aktar minn dak illi huwa dovut. Kif diga inghad, dan ma rrizultax f'dan il-kaz u ghalhekk la dan l-element ma jissustix, ma jistax jissussisti lanqas r-reat taht l-Artiklu 112 tal-Kap 9.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni illi waslet ghaliha. U ghalhekk mhux il-kaz li tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-Qorti. Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------